MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tal-5 ta' April, 2006

Avviz Numru. 384/2002/1

**Avviz numru 384/02DM**

**John Lentini ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Saviour Agius sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Saviour Agius**

**Vs**

**Michael Schembri**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas is-somma ta’ elf, tmien mija u erbghin lira Maltin (Lm1840) jew ammont verjuri li jigi likwidat minn dina l-Qorti, jekk hemm bzonn anke permezz ta’ periti nominandi, rappresentanti danni sofferti minnhom fl-incident awtomobilistiku tal-31 ta’ Dicembru, 2001 f’Tal-Fiddien, Rabat, bejn il-vettura numru ta’

registrazzjoni IAW 142 misjuqa minnhu u l-vettura numru CAD 369 misjuqa minn Mario Agius u proprjeta tal-assikurat Saviour Agius, prevja d-dikjarazzjoni, jekk hemm bzonn, li l-imsemmi incident gara b'tort unikament tieghu minhabba traskuragini, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi Lm6 tal-konsult u tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment kontra s-socjeta assikuratrici tal-konvenut, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1 Dak li talbu l-atturi ghandhu jigi michud, bl-ispejjes kontra taghhom, u dana billi ghall-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma kienx jahti l-eccipjenti;
2 Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi kif tirrizulta l-konfigurazzjoni tat-toroq fil-lokal fejn sehhet il-kollizzjoni li tigi f' dik il-parti tat-triq principali li mir-Rabat twassal ghall-Y junction fejn it-traffiku jista' jmur jew fid-direzzjoni jew ta' l-Imtahleb jew tas-Salib, din il-konfigurazzjoni tezigi illi biex il-konvenut Michael Schembri seta' jdur lejn il-lemin tieghu biex jaqbad it-triq li twassall ghal Tas-Salib, lejn fejn kien dirett, huwa kellu bilfors jaqsam il-karreggjata tat-traffiku gej mid-direzzjoni opposta ossia gej mid-direzzjoni ta' l-Imtahleb kif kien qed isuq Mario Agius is-sewwieq tal-vettura assikurata mal-kumpannija attrici.

Illi ghalhekk, stabbilita d-direzzjoni rispettiva li jridu jiehdu z-zewg sewwieqa, jirrizulta li kien il-konvenut illi kienu

obbligat li jitlaq ix-xellug tat-triq li fiha kien qieghed jipprocedi u kien hu li kien kostrett li jinvadi l-karreggjata tat-traffiku li seta' kien gej mid-direzzjoni ta' l-Imtahleb.

Ghalhekk kien obbligu ta' l-istess konvenut li qabel ma jaghmel tali manuvra kellu jezamina sew il-karreggjata ta t-traffiku gej mid-direzzjoni opposta halli jacceta ruhu illi qabel ma jaghmel il-manuvra tieghu huwa b' ebda mod ma kien ser jostakola tali traffiku.

Infatti, billi jistqarr l-istess konvenut li l-vizwali tieghu kienet xi ftit ristretta, iktar u iktar kien onerus l-obbligu tieghu illi huwa jipprocedi bl-akbar kawtela u prudenza qabel ma' ghadda biex jesegwixxi l-manuvra tieghu li jaqsam il-karreggjata tat-traffiku gej mid-direzzjoni opposta.

Minn naha tas-sewwieq l' iehor, Mario Agius, ma tirrizulta ebda nfrazzjoni u ghaldaqstant issib illi l-konvenut huwa unikament responsabbli ghad-danni kollha illi sofra s-sid ta l-vettura jisjuqa minn Mario Agius, ossia l-attur Saviour Agius, u konsegwentement sofriet il-kumpannija assikuratrici, il-kumpannija attrici Middlesea Insurance plc.

Billi mid-deposizzjoni ta' John Lentini u d-dokumenti minnu esibiti jirrizulta ampjament illi d-danni totali illi soffriet il-kumpannija attrici u li sofra l-attur Saviour Agius jammontaw ghas-somma ta' elf, tminn mija u erbghin lira Maltin (LM1,840), il-Qorti qed tillikwida d-danni sofferti mill-atturi flimkien, fl-imsemmija somma ta' elf, tminn mija u erbghin lira Maltin (LM1,840) u ghar-ragunijiet indikati fl-avviz qeghdha tikkundanna lil konvenut sabiex ihallas lill-atturi l-imsemmija somma ta' elf, tminn mija u erbghin lira Maltin (LM1,840), bl-imghax legali b' effett mis-6 ta' Gunju tas-sena 2002.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------